PDF Compressor Pro



# Faċilitajiet għall-anzjani fil-Kumpless tal-Moviment Azzjoni Soċjali

Permezz ta' ftehim li ġie ffirmat bejn dawk interessati, iċ-Ċentru ta' matul il-Jum għall-anzjani f'Għawdex beda jopera minn lokal ġdid. Dan il-post li jagħmel parti mill-Kumpless tal-Moviment Azzjoni Soċjali ġewwa Għajnsielem, ser iservi bħala bażi minn fejn il-faċilitajiet taċ-Ċentru ta' matul il-jum ser ikunu provduti regolarment għal madwar 200 anzjani Għawdxin u anzjani oħrajn li jattendu l-Università tat-Tielet Età f'Għawdex.

Il-ftehim ġie ffirmat bejn rappreżentanti tal-Ministeru għal Għawdex, il-Moviment Azzjoni Soċjali bħala sidien tal-post flimkien ma' rappreżentanti ta' tnax il-Kunsill Lokali Għawdxi. Dan il-post beda jipprovdi faċilitajiet fejn il-membri anzjani Għawdxin ikunu jistgħu jattendu għal diversi attivitajiet organizzati għalihom matul il-ġimgħa.



*Dehra minn ġewwa tal-kumpless tal-M.A.S. f'Għajnsielem*

L-inizjattiva għat-twaqqif ta' l-ewwel Ċentru ta' matul il-jum għall-anzjani f'Għawdex kienet ittieħdet mill-Ministeru għal Għawdex flimkien mal-*Caritas* u tnax il-Kunsill Lokali Għawdxi u kien uffiċjalment inawgurat f'Mejju ta' l-1999. Impjegati tat-Taqsima għall-Ħarsien u Kura ta' l-Anzjani fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, jorganizzaw programm ta' attivitajiet bejn it-Tnejn sal-Ħamis matul il-ġimgħa mit-8.30a.m. u sas-1.00p.m.

Minbarra li sservi għalihom bħala attività soċjali, dawn l-anzjani Għawdxin jiġu mogħtija wkoll informazzjoni u pariri professjonali dwar suġġetti li jinteressawhom mill-qrib. Dawk ospitati ġewwa r-Residenza Sant'Anna u s-Sala Anzjani Rġiel ġewwa l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, jingħaqdu ma' anzjani minn lokalitajiet oħra Għawdxin f'waħda mill-ġranet tal-ġimgħa. Kull nhar ta' Ġimgħa dan iċ-Ċentru jilqa' lil dawk li qed jattendu korsijiet fl-Università tat-Tielet Età.

Attivitajiet oħra jinkludu ħarġa f'Għawdex darba fix-xahar, ħarġiet f'ċentri simili f'Malta darbtejn fissena, ikliet ġewwa ristoranti lokali fl-okkażjoni ta' l-Għid u l-Milied flimkien ma' safra annwali ta' sebat ijiem f'pajjiż ewropew.



*Il-Kumpless tal-Moviment Azzjoni Soċjali.*

# Rikonoxxut ix-xogħol voluntarju ta' Joseph Buhagiar - 45 SENA SERVIZZ

Joseph Buhagiar mir-Rabat, Għawdex, ġie ppreżentat b'DVD tal- film *'THE 5000 FINGERS OF DR T'*, film tal-1953.

Dan kien proprju l-ewwel film li tħaddem mill-makkinista apprentist tal-*films*, Joseph Buhagiar, fl-Oratorju Don Bosco fl-1962, flimkien ma' George Aquilina persuna dak inhar inkarigata mill-*projection room.* Joe għadu sal- ġurnata ta' llum joffri dan is-servizz volontarju bħala *projectionist* fl-Oratorju Don Bosco fir-Rabat Għawdex. Iċ-ċinema fl-Oratorju ilha topera sa mill-1951 meta ġiet inawgurata bil-wiri tal-*film* ta' Ingrid Bergman, 'JOAN OF ARC'. Matul dawn is-snin kollha, l-Oratorju dejjem offra divertiment onest lil tant familji u hekk għadu jagħmel permezz ta' wiri ta' film kull nhar ta' Ħadd, bil-logo 'CINEFAMILJA'. Ta' min isemmi li ċ-*ċinema* fl-Oratorju hija waħda mill-eqdem fil-Gżejjer Maltin.

Dun Effie Masini, id-Direttur preżenti ta' l-Oratorju, irringrazzja mill-qalb lil Joseph Buhagiar u faħħru għall-umiltà u l-konsistenza tiegħu matul dawn is-snin kollha. Minbarra fil-qasam tal-*films* Joe



*Dun Effie Masini, (xellug), Direttur ta' l-Oratorju Don Bosco, jidher jippreżenta lil Joseph Buhagiar b'DVD, kopja tal- film 'THE 5000 FINGERS OF DR T'.*

ta l-kontribut tiegħu ukoll f'setturi oħra taċ-ċentru bħal fil-festa, palk, grawnd u *indoor games* kif ukoll xogħol ta' manutenzjoni. Minbarra fl-Oratorju Joe serva ukoll bħala *projectionist* fit-teatru Astra tar-Rabat matul is-snin 1968 –1997.

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





*Waqt l-iffirmar tad-dokumenti għat-twaqqif ta' Ġemellaġġ bejn Kerċem u l-Furjana, mis-Sindki Nigel Holland (xellug) u Joe Grima (lemin)*

# Ġemellaġġ bejn Kerċem u l-Furjana

Ġie ffirmat l-ewwel parti tal-ftehim ta' Ġemellaġġ bejn il-Kunsilli Lokali ta' Kerċem u dak tal-Furjana.

L-iffirmar tal-Ġemellaġġ sar fi Pjazza Emanuel S. Tonna fil-Furjana waqt ċerimonja li saret quddiem "Dar il-Kunsill" fil-preżenza ta' kunsilliera u poplu miż-żewġ lokalitajiet.

Grupp ta' Kerċmin, immexxi mis-Sindku Joe Grima, flimkien ma' rappreżentanti tal-Għaqdiet ewlenin tar-raħal, attendew għal quddiesa ċċelebrata mill-Arċipriet tal-Furjana, Dun Richard Borg, fil-Knisja Arċipretali tal-Furjana. Il-lezzjonijiet inqraw mis-Sindki rispettivi, Joe Grima u Nigel Holland. L-Arċipriet Borg fl-omelija tiegħu fisser l-importanza tal-ġemellaġġ bejn iż-żewġ lokalitajiet. L-offerti ittellgħu mill-Kunsilliera Mario Azzopardi, Antoinette Borg, (Kerċem) u Franco Davies u Sandra Sammut Hili (Furjana).

Wara l-quddiesa, il-miġemgħa mxiet lejn Pjazza E.S. Tonna fejn saret iċ-ċerimonja tal-Ġemellaġġ. Saru diskorsi mis-Sindki Nigel Holland u Joe Grima. Wara nqara d-digriet tal-Ġemellaġġ. Iż-żewġ Sindki ffirmaw dan il-ftehim.

Imbagħad inbidlu rigali ta' l-okkażjoni li kienu jikkonsistu fi plakki tal-fidda bl-emblemi taż-żewġ lokalitajiet. L-attività ntemmet bid-daqq tal-Innu Nazzjonali.

Wara kulħadd kien mistieden għal riċeviment fil-bini tal-Kunsill Lokali. Fost dawk li attendew għar-riċeviment kien hemm Lolly Borg, eks plejer tal-Furjana u li fil-passat kien ukoll *guest player* tat-tim ta' Kerċem Ajax F.C. Attendew ukoll l-Arċipriet tal-Furjana Dun Richard Borg u d-Deputat Parlamentari Dr. Jose' Herrera.



*Bdil ta' rigali bejn is-Sindki Holland u Grima*


**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott**




*Hard Back*

Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti

Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160** jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

PDF Compressor Pro





It-tinda li ġiet ordnata għall-Mnajdra

## Proġett biex jinbnew tined li jgħattu t-tempju ta' l-Mnajdra

L-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) approvat il-mod li kien propost biex it-tined li se jgħattu t-tempju ta' l-Mnajdra jeħlu ma' l-art.

Dan ifisser li issa kollox jinsab lest u approvat biex din il-fażi tal-proġett tista' tinbeda u t-tempju ta' l-Mnajdra fl-aħħar ikun mgħotti u protett mill-elementi li qegħdin jagħmlulu ħafna ħsara.

Il-proġett tat-tined li eventwalment se jkunu qed jgħattu kemm it-tempju ta' l-Mnajdra kif ukoll dak ta' Ħaġar Qim, kien diġà ġie approvat, iżda kien jonqos li jiġi approvat il-mod kif dawn se jitwaħħlu ma' l-art bil boltijiet.

Fil-każ ta' l-Mnajdra dan ġie approvat u kollox jista' jimxi.

Peter Gingell, kelliem tal-MEPA, qal li dan il-proġett ma setax isir bl-addoċċ minħabba li dan huwa sit tal-UNESCO u huwa ta' importanza nazzjonali.

Hu qal li l-approvazzjoni tal-Bord tal-MEPA kienet waħda unanima.

Apparti t-tinda, hdejn l-Mnajdra u Ħaġar Qim se jsiru diversi proġetti oħra, fosthom *visitor's centre* u car park. Waqt il-laqgħa ġie deċiż ukoll li ċ-ċentru għall-viżitaturi jkun iżgħar u metru iktar baxx minn kif kien oriġinarjament ppjanat minħabba d-delikatezza tas-sit.

Il-Proġett tat-tinda ġie propost diversi snin ilu, meta esperti nnutaw li fit-tempji kienet qed issirlu ħsara minħabba differenzi kbar fit-temperatura, ir-riħ u x-xita.

*Heritage Malta*, qalet li minkejja li t-tined se jkunu kemmxejn strambi, minħabba li se jkunu jidhru qishom żewġ bżieżaq enormi fuq it-tempji, dawn huma mod konkret kif jiġu preservati t-tempji. Apparti dan se tagħti aktar żmien biex tinstab soluzzjoni aħjar u iktar attraenti u li tikkumplimenta dawn it-tempji storiċi.

It-tined se jinbnew minn materjal li jħalli ftit dawl jidħol ġewwa u jikkawża ħsarat u din se teħel ma' l-art barra t-tempji, b'tali mod li ssir ħsara minima fl-art ta' barra u mhux fuq it-tempji. Din se titpoġġa f'tali mod li ma taffetwax id-direzzjoni li jħarsu lejha it-tempji, jiġifieri mal-pożizzjoni tax-xemx fl-ekwinozju.

Kenneth Gambin, il-*Head Curator* ta' *Heritage Malta*, qal li l-fażi tat-tined aktarx li tkun lesta sa' l-aħħar tas-sena. Hu qal li t-tined jinsabu lesti biex jiġu Malta, biex imbagħad jittieħdu fis-sit u jitwaħħlu fuq it-tempji.



It-Tempji ta' l-Mnajdra


D.O.M. INTERNATIONAL

Din hija kumpanija Maltija li ilha mwaqqfa 37 sena

**Tony Pace**
**Managing Director**



Tony Pace

**Sejjer Malta u trid iġġorr?**

Ċempel għal kwota llum

**Tel: (02) 9607 4170**
**Fax: (02) 9607 8534**
**Negozju tal-familja**
**Mob: 040 305 6007**

Nistgħu nippakkjawlek kollox aħna u tiffranka uġiegħ ta' ras

**Head Office: Unit 1/42-44 Whyalla Place, Prestons, NSW 2170**


# Imut John Farrugia - Raġel ta' prinċipju kbir

**Minn Lino Vella AM**



Lino Vella flimkien ma' John Farrugia waqt preżentazzjoni fil-Parlament

John Farrugia li fil-passat sikwit kien jikteb f'*The Maltese Herald*, ħalla din id-dinja biex jingħaqad ma' martu Mary nhar il-Ħadd, 13 ta' April 2008 fl-età ta' 79 sena. Huwa twieled fit-8 ta' Marzu, 1929.

John kien ilu marid għal dawn l-aħħar xhur u kien jaf ukoll li ftit kien fadallu ħajja b'dan kollu baqa' sa l-aħħar nifs ta' ħajtu jiġġieled u jisħaq fuq dawk l-affarijiet li jkunu sejrin ħażin u li minħabba fihom kien qed jinħaqar il-ħaddiem.

John ħajtu kollha kien jaħdem fuq dak li jemmen u għin fl-Awstralja għadd kbir ta' individwi kemm fuq ix-xogħol u anke fil-qrati.

John għal żmien twil kien is-Segretarju tal-Ħidma Soċjalista Maltija-Awstraljana.

Membru attiv tal-*Australian Labor Party* fejn ta sehem kbir lill-partit tant li s-sena l-oħra ġie onorat bil-McKell Award għas-servizz li ta lil *Australian Labor Party*. John ukoll kien il-mistieden speċjali f'reċiviment apposta fil-Parlament ta' NSW u rikonuxxut mill-Premier Morris Iemma. Dak inhar ukoll ġie mogħti rigal tax-xogħol li għamel għal Partit.

John kien sikwit ikellimni fuq it-telefon u niddiskutu għal ħin twil fuq xi inġustizzji li fil-fehma tiegħu kienu qed isiru kemm f'dan il-pajjiż kif ukoll ġewwa Malta li tant baqa' jħobb. Mhux dejjem konna naqblu, iżda kont nammira s-sinċerità f'dak li kien jemmen u jiġġieled għal ġustizzja.

Il-funeral ta' John Farrugia sar nhar il-Ħamis, 17 ta' April b'quddiesa fil-knisja ta' St. Michael, Hurstville. Għal quddiesa kien hemm għadd kbir, barra l-familjari tiegħu, ta' ħbieb u membri tal-Ħidma Soċjalista Maltija Awstraljana kif ukoll membri oħra tal-*Labor Party*. Kien hemm ukoll jirrappreżenta lill-Gvern ta' NSW il-*Leader of the House* John Aquilina Membru għal Riverstone.

It-Tabib George Boffa li kien imur jarah sikwit mhux biss kien preżenti, iżda qara is-Salm Risponsorjali, miegħu kien hemm ukoll il-mara tiegħu Laura.

*The Maltese Herald* kienet irrappreżentata minni u Rita Kassas.

Il-Kappillan Fr. Mani kien l-istess saċerdot li ċċelebra l-quddiesa fil-funeral tal-mara ta' John is-sena l-oħra u rrimarka li ftakar u għaraf lil ħafna li kienu preżenti dak inhar u li kienu jinsabu fil-knisja biex jagħtu l-aħħar tislima lil John.

Il-familja ta' John Farrugia, jiġifieri uliedu u anke ulied uliedu ħadu sehem fil-qari tal-lezzjonijiet, talb tal-fidili u fl-offertorju.

John ħalla warajh jibku t-telfa tiegħu liż-żewġ hutu Polly u Mary, uliedu Roberta, Ricky, Michael u Marlene u l-irġiel u n-nisa tagħhom, in-neputijiet Marc, Christopher, Daniel, Stephen, Michael, Christian, Bianca, Julian u Gabriella u pro-neputijiet Alex u Daniella.

John ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' Woronora, Sutherland.

Wara kien hemm riċeviment mal-familja fis-*Sutherland District Trade Union Club* f'Gymea.



Il-vapur Seabourn Pride ankrat 'l barra mill-Port ta' l-Mġarr Għawdex

# Vapur lussuż ankrat barra l-Port ta' l-Mġarr, Għawdex

**Rapport u Ritratti ta' Charlie Spiteri**

Nhar il-Ħadd 6 ta' April, il-vapur lussuż tal-passiġġieri *Seabourn Pride* ankra 'l barra mill-Port ta' l-Mġarr f'Għawdex. Din hija t-tieni żjara li għamel dan il-vapur f'Għawdex, wara l-ewwel żjara li kien għamel b'suċċess f'April ta' l-2006. Is-*Seabourn Pride* għamel din il-waqfa f'Għawdex wara li kien Malta fi triequ minn Palermo għall-Belt ta' Dubrovnik, fil-Kroazja. Matul din il-waqfa, il-passiġġieri abbord il-*cruiseliner* ġew mogħtija l-opportunità li jgawdu x-xenarju li toffri l-Gżira ta' Għawdex f'dan iż-żmien tas-sena, filwaqt li jduqu wkoll ftit mill-ħafna karatteristiċi kulturali u storiċi uniċi ta' Għawdex. L-aġenti lokali għal *Seabourn Pride* huma *Malta Cruise Services* ta' *Mifsud Brothers Ltd*.



Il-vapur Seabourn Pride jidher fl-isfond minn Triq Ħamri f'Għajnsielem, Għawdex